MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Numru 573/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa**
**v**

**JOSEPH DIFESA**
**ALAN DEBATTISTA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **JOSEPH DIFESA** t’erbgha u hamsin sena, bin Joseph u Maria nee Farrugia, imwieled Valletta nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Settembru 1951 u joqghod 'Villa Difesa', Triq Santa Klara, Bahar ic-Caghaq, detentur tal-karta tal-identita numru 723051M u **ALAN DEBATTISTA** t'erbgha w ghoxrin sena bin Anthony u Mary nee Spiteri, imwieled Pieta nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Mejju 1982 u joqghod 'St. Gregory', Triq Misrah il-

Barrieri, Imsida, detentur tal-karta tal-identita numru 302282M, gew mressqa quddiemha akkuzati:

1. Talli fil-wiehed w ghoxrin ta' Mejju 2006 fil-Floriana, ffalsifikaw jew biddlu minghajr l-kunsens tas-sid, ismijiet, marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott t'industrija jew manifattura, jew xjentement ghamlu uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar x-xorta tal-merkanzija jew bieghu tali merkanzija, jew xjentement qeghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghandhom ghal bejgh jew impurtaw ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbha b'qerq u cioe numru ta' DVD's foloz;

2. Talli fl-istess cirkostanzi, bi qligh jew bi skop ta' kummerc, stampaw, immanufatturaw, idduplikaw jew mod iehor ipproducew jew ikkupjaw jew bieghu, qassmu jew mod iehor offrew ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht l-ligi ta' Malta;

3. Talli b'hekk saru recidivi ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara ligew kkundannati ghal reati b'diversi sentenzi mill-Qrati tal-Magistrati li saru definittivi.

Il-Qorti giet miltuba sabiex f'kaz ta' htija barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi thassar l-licenzja jew inkellha tissospendiha ghal xi zmien u tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esibiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti nkluz l-kunsens tal-Avukat Generali markat bhala dokument CSH 4 [fol 18] sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qed tirtira l-akkuza ta' recidiva fil-konfront tal-imputat Alan Debattista u dan fis-seduta tas-sitta w ghoxrin ta' Novembru 2008.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar s-sitta w ghoxrin ta’ Novembru 2008 kif jirrizulta mill-verbal appositu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq biex jekk iridu jerġghu lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputati, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssibhom t-tnejn hatja tal-akkuzi kif minnhom ammessi.

Dwar il-piena, il-Qorti rat li l-impuat Joseph Difesa huwa akkuzat bl-akkuza ta’ recidiva filwaqt li l-imputat Alan Debattista m’ghandux din l-akkuza, in oltre, l-fedina penali taz-zewg imputati mhux l-istess.

Rat wkoll li din il-kawza tikkoncerna sejba ta’ hmistax il-DVD foloz w ghalhekk l-ammont huwa wiehed pjuttost zghir.

Tenut kont dan, ghalhekk il-Qorti mhux ser tkun daqstant severa fil-piena li ser tinfliggi fuq l-imputati odjerni.

Ghaldaqstant **il-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 45 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputati JOSEPH DIFESA u ALAN DEBATTISTA hatja tal-akkuzi kollha kif minnhom ammessi u tiddecidi li <u>tikkundanna lil imputat Joseph Difesa</u> ghal hlas ta’ multa ta’ sebgha mitt (700) euro u tiddecidi li <u>tillibera lil imputat Alan Debattista</u> bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta’ tlett [3] snin mill-lum ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tiddikjara li mhux qed tiehu konjizzjoni tal-akkuza ta’ recidiva moghtija fil-konfront tal-imputat Alan Debattista stante li giet irtirata fil-mori tal-kawza.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe ta' Martin Bajada [fol 68] fl-ammont komplessiv ta' mija erbgha w erbghin Euro [€ 144] in solidum u dan fi zmien xahrejn (2) mill-lum u jekk l-imputati jonqsu li jhallsu dan l-ammont, dan jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull 11.65 Euro dovuta.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**Finalment tordna wkoll d-distruzzjoni tal-oggetti kollha esibiti formalment f'dan il-procediment w ghalhekk tordna lil istess Spettur Angelo Gafa sabiex fil-presenza tar-Registratur tal-Qorti, jeffettwa tali distruzzjoni, b'dan li l-istess Registratur tal-Qorti ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax il-jum mill-lum u dan in linea mas-sentenza moghtija mill-*Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 fl-ismijiet* <u>Il-Pulizija v Anthony Joseph Portelli</u>.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------